MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 60

24 ta' Mejju 2023

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Maria Concetta Scerri - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.  Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* jew ġie fuq il-post fil-ħin.

## 60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

60.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellhiex ittri t'apoloġiji.

## 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

60.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 59 ġew approvati.

## 60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

60.3.1 ***Konferenza Stampa Triq Tumas Chetcuti***

Is-Sur Cordina qal li jispera li kulħadd jiġi, li din mhix sa tkun waħda partiġġjana u li hu ħa jenfasizza l-importanza li jsir xi ħaġa. Hu qal li jekk kulħadd jaqbel jitkellem hu biss.

60.3.2 ***Imejl Sinjuri Vella***

Is-Sur Cordina qal li kulħadd jaf fuq l-imejl li kollha kemm huma rċevew personalment u li jistħoqqilha tweġiba.

Is-Sur Giorgio Schembri daħal f'dan il-mument 5.34p.m.

l-Avukat Caruana issuġġeriet li kulħadd iressaq is-suġġerimenti u proposti tiegħu u mbagħad jiddiskutu fil-laqgħa li jmiss biex kulħadd ikollu żmien biżżejjed biex jitkellem

Il-Perit Schembri qal li din l-imejl irċeviha fuq l-imejl tiegħu u għalhekk xtaq jiddikjara li r-risposta tieghu se tkun waħda kollettiva.  Kulħadd qabel.

Is-Sur Simon Vella daħal onlajn f'dan il-mument 5.35p.m.

60.3.3 ***Ċirkolo Santa Marija***

Is-Sur Cordina qal li rċieva imejl mingħand iċ-Cirkolo Santa Marija li nqrat lill-Kunsilliera.  F'din l-imejl intqal li qed isir disinn sabiex issir vara ta' Kristu Rxoxt bil-potenzjal li f'Ħadd il-Għid tibda ssir purċissjoni bil-vara madwar ir-raħal.  Din se tkun tista' ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali li jkollu involviment totali f'din il-festa.  Hu qal li naturalment il-Kunsill diġà permezz ta' għajnuna biex isiru permessi, gwardjani lokali eċċetera imma jaħseb li ma jsir xejn ħazin jekk jiddiskutu ulterjarlment.  Kulħadd qabel.

60.3.4 *Iffjurit bil-Ward Imfewwaħ*

Is-Sur Cordina qal li għalkemm it-temp ma kienx wieħed favorevoli kien hemm turnout tajjeb. Kien hemm ukoll ir-record tal-iktar artisti li pparteċipaw f'attività waħda. Is-Sur John Bonnici qal li kien hemm min ħaseb li peress li l-isem kien iffjurit bil-ward imfewwaħ li ħa jsibu ħafna fjuri imma kompla jgħid it-*turnout* kien tajjeb.

## 60.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

60.4.1 Is-Sur Alex Mangion

- Irraporta fuq tappiera miftuħa lejn Ta' Qali

60.4.2 Sur John Bonnici

- Talab biex issir mera fi Triq Victor Vassallo lejn Triq il-Faqqiegħ.
- Saqsa fuq l-Uffiċċini ġodda. Is-Sur Cordina qal li qed jitlesta t-taraġ u l-indana tat-taraġ flimkien mal-madum. Talab biex meta jkun komda jmur miegħu jaraw f'hiex waslu.

60.4.3 Victor Galea

- Saqsa fuq in-*no entry except for residents* fi Triq Oliver Agius. Hu qal li xi resident qed isaqsu jekk jistgħux jgħaddu. Is-Sur Cordina qal li jistgħu jgħaddu biss dawk tal-*area* Oliver Agius, Ferdinand Inglott u Tumas Chetcuti.
- Irraporta wkoll xi tappieri miftuħa f'xi toroq arterjali u qal li se jgħaddi l-lista lill-Uffiċċju.

60.4.4 Is-Sur John Bonnici

- Talab li titneħħa tabella fi Triq il-Ponsjetta li ħa taqa'

60.4.5 Il-Perit Giorgio Schembri

- Qal li fuq il-każ tat-tabella fi Triq Oliver Agius, residents only, hu residenti wkoll allura jista' jgħaddi wkoll. Is-Sur Cordina qal li meta saret it-triq dawk kienu l-istruzzjonijiet li kien ingħata. Il-Kunsill m'għandu l-ebda jedd jibdel sinjaletika. Qal li din hi biss kjarifika għax il-Kunsill ma jagħmilx sinjali fejn jidħlu toroq arterjali.
- Semma x-xogħolijiet fi Triq il-Linja li qal li mexjin sew u qed isiru gandotti għall-ilma. Saqsa jekk kienx hemm xi korrispondenza fir-rigward u meta dan se jispiċċa. Is-Sur Cordina qal li dan kollu hu xogħol minn pakkett ta' miljun ewro mill-pont sa Triq l-Għarix b'*culvert* fi Triq il-Fies li jilqa' l-ilmijiet kollha neżlin minn fuq. Qal li biex jinfurmahom se jsiru *culverts* madwar Misrah Kola kollu. Is-Sur Cordina qal li *time-frames* m'hemmx imma x-xogħol b'ritmu tajjeb u ħa jikkomunika magħhom jekk ikollu risposta.
- Tkellem fuq *slow streets* u saqsa jekk dawn mhux se jkunu inkorporati. Is-Sur Cordina wieġeb li iva.
- Għamel riferenza għall-laqgħa mal-Ministeru. Is-Sur Cordina qal li s-Sur Omar Debono Uffiċċjal mill-Ministeru ta' Aaron Farrugia għamel kuntatt miegħu u se jiltaqgħu nhar il-Ġimgħa. Rigward it-toqob, is-Sur Cordina qal li diġà għalaq bosta minnhom bil-konkos.

Is-Sur Victor Galea qal li qed jissuġġerixxi li jiddiskutu mal-Ministru wkoll li tingħalaq it-triq ta' taħt Tumas Chetcuti u li min dieħel ġo Ħ'Attard idur mar-roundabout quddiem Monte Carmeli. Is-Sur Cordina qal li ma jaqbilx u li probabilment li jiġri mbagħad li biex jevitaw it-traffiku se jitfa' iktar nies fi Triq Tumas Chetcuti. Qal li diġà t-traffiku kollu qed jgħaddu abbuzivament minn Oliver Agius.

Is-Sur Galea qal li għallinqas ma jgħaddux trakkijiet. Kompla jgħid li din il-ġimgħa diġà tgħaffġet mara għax ma jindunawx bin-nies qed jaqsmu. Is-Sur Bonnici qal li tista' ssir tabella fl-għoli *choose your lane* biex kulħadd jagħżel minn fejn jimxi u jaqsam għal Triq l-Imdina. Kulħadd qabel ma dan is-suġġeriment basta mhux goffa.

60.4.6 Is-Sur Remigio Bartolo

- Fakkar fuq l-attività Grow 10 Trees. Qal li hemm familja ta' ċertu Jean Paul Camilleri li miet din is-sena ta' 35 sena. Hu qal li jekk kulħadd ikun jista' jattendi ikun aħjar.
- Rigward il-konferenza stampa qal proset lil kulħadd għax għalkemm l-inċident kien wieħed traġiku kulħadd tkellem kif suppost bla partiġġjaniżmu u li huwa unur għalih li għandhom Kunsill daqshekk magħqud.

60.4.7 L-Avukat Silvio Brincat

- Semma l-perikolu inti u ħiereġ minn Triq Ħal Warda, it-triq tal-iskola. Is-Sur Cordina qal li vera hemm il-parkeġġ u mexa l-*istop sign* imma jekk toħroġ bil-galbu sal-i*stop* u tħares fil-mera mhijiex daqshekk perikoluza imma li vera kif kienet qabel kienet aħjar. Talab li jitneħħa parkeġġ wieħed. Qal li se jgħaddi s-suġġeriment.
- Semma l-*hairpin* int u ġej mill-Belt għal Sant'Anton li saret perikoluż mmens. Is-Sur Cordina qal li kienet issemmiet mal-Perit Ruben Sammut biex jitneħħew xi *bollards* imma li sfortunatament ma ġietx aċċettata. L-Avukat Brincat qal li jitlob 'l Alla li ma jsirx xi aċċident.
- Semma wkoll ix-xogħolijiet fi Triq il-Linja u li forsi taw lis-Sindku x'jifhem li tista' ssir Triq Victor Vassallo. Is-Sur Cordina qal li din se ssir sal-aħħar tas-sena u li ġa bdew jaħdmu fuq il-pjanti.

60.4.8 L-Avukat Helen Caruana

- Infurmat lill-Kunsill li fit-3 ta' Ġunju Roseville se jorganiżżaw Artisans Market fejn se jkun hemm ħafna stalls ta' artiġġjanat Malti u tal-ikel kif ukoll divertiment.

  Il-Perit Schembri saqsa fuq dak li qal l-Avukat Brincat jekk Triq Victor Vassallo tistax tkun parti mill-i*slow streets.* Is-Sur Cordina qal li din se tingħata dehra differenti biex titnaqqas il-velocità billi ssir xi tip ta' ħdura u ma tibqax dritta. Kif ikollu l-pjanti se jippreżentahom Kunsill sabiex jagħtu s-suġġerimenti tagħhom.

## 60.5 Rapporti: Approvazzjoni ta' Rapport tal-Kwart tas-Sena Jannar – Marzu 2023

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-rapport tal-kwart tas-sena juri *surplus* ta' €20,277 sabiex sakemm jitlestew il-proġetti maġġuri ikollhom *working capital* aħjar. Hi qalet li l-Awduturi fuq proġetti maġġuri li ma jkunux lesti fl-istess sena għandhom l-opinjoni tagħhom u dawn ġew ikklassifikati appuntu bħal ma joħduhom huma.

Kompliet tgħid li għalkemm il-mod kif jittieħdu ma jagħmilx differenza fuq il-P&L ikun hemm dejjem fatturi li jilgħabu fuq l-FSI li f'dan il-każ qiegħed 1%.

Qalet li tispera li sakemm jispiċċaw il-proġetti l-FSI ikun tela' 10%. Tenniet ukoll li varjazzjonijiet fuq l-istess rapport fl-istess kwart tas-sena ma kienx hemm. Il-buġit ta' din is-sena hu simili bħal dak tas-sena ta' qabel bil-ħsieb li ma jmorrux *overboard.* Is-Sur Cordina qal li l-Allokazzjoni bħalissa hi ta' €828000 li kompliet is-Segretarju ma tikludix l-entrojtu mill-permessi. Qalet li pero' għadhom qed jirċievu allokazzjoni sħiħa u għad hemm l-*issue* relatat mal-ħlasijiet ta' ġbir ta' skart, inkluż dak għall-iskemi bħal ħġieġ u riċiklaġġ. Dan ir-rapport ma jinkludix dawk il-pagamenti li għadhom qed jiġu proċessati mir-Reġjun u li dawn però huma maħsuba bħalha proviso fl-*accruals.*

Dan ir-rapport ġie approvat.

## 60.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa Management Letter u Risposta tas-Sindku 2022

60.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Management Letter u r-risposta dwarhom tinkludi dawn il-punti li ġejjin:

1. **Prior year management letter points**

   Joint Committee – as noted in the previous management letter these financial statements could not be obtained.

   Trade payables – please see more detailed comments in section 6 below.

   Trade receivables – please see more detailed comments in section 4 below.

   IFRS 16 – please see more detailed comments in section 3 below.

2. **Income**

   Revenue from Wasteserv - The invoice related to Wasteserv for December 2022 had been issued in January 2023 and this was inadvertently missed from being accounted for in 2022. Since then, we have introduced a monthly checklist to ensure that accrued income on Wasteserv invoices will be recorded in the correct period even if related invoices are issued post month-end. The understatement of the bills from March onwards is also acknowledged and this was due to a new discount given by the service contractor.

   Joint Committee – as per previous management letter the council is aware that no Financial Statements by the Birkirkara Joint Committee were presented to the council since 2015.

3. **IFRS 16**

IFRS 16 lease workings - The council agreed with the differences noted in the management letter regarding the lease workings. This was primarily due to an incorrect posting by our side related to a prior year audit adjustment.

4. **Trade Receivables**

A Statement of Account and reminders have been sent to the parties from which we have a receivable noted as overdue and for which a provision was not recognised, we are confident to receive these amounts in 2023. If this is not the case, we will take a decision at the end of the year regarding whether a provision is needed against these receivables or whether a write-off would be more appropriate.

5. **Property and equipment**

Non-capitalisable assets – we agreed with the advice of the auditors to reclassify part of the invoice related to works carried out in Triq il-Mosta from capitalised assets to expenses. We will refer to IAS16 going forward to determine what portion of works should be accounted for as expenses vs capitalised assets in future invoices related to similar works.

Capitalisable assets – we agreed with the advice of the auditors that specific invoices related to professional fees on projects should have been accounted for as capitalisable assets rather than expenses as per IAS 16.

6. **Trade payables**

Debit balances in creditor's list – as noted in prior year the debit balance in the ARMS creditor account relates to wrong allocation of payments to the respective bills by ARMS and are now being slowly deducted. The other two creditors that have an amount over EUR100 (LESA and Inspirations Ltd.) both related to double payments made from our side and these are being treated as payments on account against future transactions.

7. **Beginning Balance**

We agreed with the point noted by the auditors that there was a difference in the 2022 opening retained earnings in the council's trial balance against the 2021 audited closing retained earnings. This was due to a 2021 audit adjustment inadvertently posted twice from the council's side.

Going forward, we will ensure to reconcile the opening retained earnings with the closing retained earnings as per the signed financial statements. With the addition of an Accounts Clerk to the council's team we will have more resources to perform necessary reconciliations and to liaise with the council's accountant on differences noted.

Ir-Risposta tas-Sindku 2022 ġiet approvata u ffirmata.

## 60.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

60.7.1 L-iskeda ġiet approvata bi proponent is-Sur Victor Galea u sekondanta l-Avukat Caruana.

## 60.8 Mozzjonijiet; u

60.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 60.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

60.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.28pm u ġiet aġġornata għat-28 ta' Ġunju 2023 fis-5.30pm

Konfermati, illum 27 ta' Ġunju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |